A.L. 61 ta' l-2004

ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Pubblikazzjoni ta' Disposizzjoni Ulterjuri għad-Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") qegħda b'dan tippubblika din id-Disposizzjoni Ulterjuri għad-Direttiva li ġejja għall-finijiet ta' l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali) u tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Provdituri ta' Servizzi għal *Internet* u *Data Networks* oħra.

"Disposizzjoni Ulterjuri għad-Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Iktar mid-Direttiva tagħha ta' l-14 ta' Ottubru 2003 ippublikata permezz ta' l-Avviż Legali 303 ta' l-2003, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, wara li rrivediet il-qagħda preżenti, l-impatt fuq diversi operaturi u l-utenti, qegħda b'din id-Direttiva tipprovdi ulterjorament li referenza fil-paragrafu 4 tad-Direttiva oriġinali għat-2 ta' Frar, 2004 bħala d-data meta għandu jidhol fis-seħħ l-artikolu 3 tad-direttiva oriġinali issa ġiet estiża għall-1 ta' April 2004.".

JOSEPH V. TABONE
Chairman
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni